MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa
9 LEĠIŻLATURA
Laqgħa Numru 37

It-Tlieta 15 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17.30.

PREŻENTI:

Is-Sur John Schembri	Sindku
Is-Sur Keith Bartolo	Viċi Sindku
Is-Sur Jeffrey Scicluna	Kunsillier
Is-Sur Anton Gatt	Kunsillier (wasal 17.45)
Is-Sur Frederick Aquilina	Kunsillier (wasal 17.45)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):

Is-Sur Matthew Spiteri	Kunsillier
Is-Sur Andrew Cassar	Kunsillier

ASSENTI:
Ħadd

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sa Astrid Pell	Segretarju Eżekuttiv

MEMBRI MILL-PUBBLIKU:
Ħadd

37.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

37.01.01 Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skuażat minn din is-seduta minħabba raġuni ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

37.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 36)

37.02.01 Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-minuti ta' seduta **36** ġew approvati unanimament.

37.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

37.03.01 Xejn

37.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.04.01 Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mill-Mental Health Walk nhar il-11 ta' Ottubru 2026. Is-Sindku John Schembri tenna li kull min hu interessat sabiex japplika.

37.04.02 Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li rċieva korrispondenza mis-CMD – Cleansing and Maintenance Department sabiex jekk ikun hemm attivitajiet bħal kunċerti, festi u oħrajn u bħala Kunsill ikollna bżonn servizz żejjed ta' tindif, il-Kunsill Lokali jinforma minn xahar qabel is-CMD sabiex dawn ikunu jistgħu jipprovdu s-servizz meħtieġ. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta bi qbil unanimu basta jingħata servizz tajjeb u effiċjenti.

37.04.03 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-possibbilta` ta' kollaborazzjoni bejn Circular Economy Malta u l-Kunsilli Lokali sabiex jiġi esplorat proġett pilota għall-ġbir u l-immaniġġjar taż-żejt tat-tisjir użat iġġenerat mid-djar. Il-Kunsilliera preżenti qablu bi qbil unanimu li jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

37.04.05 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikazzjoni mit-Taqsima tal-Euaffairs tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward taħriġ f'Ċipru f'Diċembru u dan it-taħriġ ikompli f'Malta f'April tas-sena d-dieħla. Is-Sindku John schembri ħeġġeġ lill-Kunsilliera preżenti sabiex min hu interessat japplika.

37.04.06 Is-Sindku John Schembri qal li rċieva komunikat minn Doninu li se jkun qiegħed jorganizza Festa Familja ġewwa Ħal Safi nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru. Is-Sindku John Schembri spjega li Doninu talbu għall-għajnuna lill-Kunsilli Lokali.Il-Kunsilliera preżenti qablu li bħala Kunsill noffru donazzjoni ta' €100 għal din il-kawża.

37.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

37.05.01 Il-Kunsillier Anton Gatt staqsa lis-Sindku John Schembri dwar jistax jinħareġ tender sabiex isir it-tindif. Is-Sindku John Schembri wieġbu li issa s-CMD għandhom persuni inkarigati biex isir it-tindif, allura issa suppost l-affarijiet se jitjiebu wara li kien hemm tibdil fid-Direttur Ġenerali.

37.05.02 Il-Kunsillier Anton Gatt staqsa dwar il-problema tal-ħamiem u jekk hemmx x'imkien fejn bħala Kunsill nistgħu napplikaw sabiex dawn ikunu kkontrollati. Is-Sindku John Schembri wieġbu li se jkun qiegħed jesplora x'possibbiltajiet hemm sabiex din il-problema tkun solvuta jew għallinqas ikkontrollata. Il-Kunsillier Frederick Aqulina ssuġġerixxa li jsiru tabelli sabiex in-nies ma jitimgħux il-ħamiem. Is-Sindku John Schembri qal li għalissa se jara li tingħata ħasla ż-żona ta' madwar il-Knisja fejn l-iżjed li jkun hemm ħamiem. Is-Sindku qal ukoll li qed jesiġi aktar ħasil tat-toroq speċjalment f'Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri qal li s-CMD se jinfurmawna minn qabel meta jkun se jsir tali ħasil.

37.05.03 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri dwar Triq ir_rangu. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li fil-ħin li huwa bagħat din il-mistoqsija, it-triq kienet għadha ma saritx, imma li issa saret.

37.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

37.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dan ix-xahar.

37.06.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li ntbagħtet Skema: SPI?SCI/07/2026 rigward Luqa Sajf Fest. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li din is-sena għandna nibdlu l-kunċett kompletament u nagħluh aktar tradizzjoni. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data għandha tkun dik tal-21 ta' Awwissu 2027. Is-Sindku john Schembri qal li għandna nagħmlu wirja agrarja u talenti lokali. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna sabiex iħejji pjan ta' x'jista' jsir u jkun diskuss ma' kulħadd. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li għandna nsibu kantanti professjonali sabiex ikollna aktar varjeta`.

37.07 Korrispondenza

37.07.01 Xejn

38.08 Milied 2026

38.08.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li fil-jiem li ġejjin se tkun qed tiġbor kwotazzjonijiet sabiex isir it-tiżjin tal-Milied madwar il-lokalita`. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jsir it-tiżjin madwar ir-raħal sabiex insebbħu l- lokalita`.

37.09 Tenders

37.09.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jinħarġu għadd ta' tenders li huma l-aktar importanti. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif qiegħda f'komunikazzjoni kontinwa ma' min hu inkarigat mit-tenders sabiex jinħarġu mill-aktar fis possibbli.

37.10 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

36.10.01 Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

37.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.11.01 Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2026, fil-17.30.

Ikkonfermati llum l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2026.

_____ _____

John Schembri **Astrid Pell**
Sindku *Segretarju Eżekuttiv*